MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1635/2004

**Allied Newspaper Limited**

**Vs**

**LEJ Limited**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm942.28 (disa` mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu) dovuti ghal servizzi ta' reklamar.

Bl-ispejjez u interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota prezentata fl-1 ta' Ottubru 2004 fejn gie cedut is-sorte izda gie mizmum ferm il-kap tal-ispejjez.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-3 ta' Settembru 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fis-16 ta' Novembru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------